

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Centre public d'action sociale d'Ottignies-Louvain-La-Neuve

Konvenuta: Moussa Abdida

**Domandi preliminari**

(1) Id-Direttivi 2004/83/KE <sup>(1)</sup>, 2005/85/KE <sup>(2)</sup> u 2003/9/KE <sup>(3)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istat Membru li jipprovdi li l-barrani li "jbati minn marda tali li tikkawża riskju reali għal haġtu jew l-integrità fiżika jew riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti meta ma jeżisti ebda trattament adegwat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu", għandu dritt għall-protezzjoni sussidjarja fis-sens tal-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2004/83/KE,

— li jipprovdi rimedju b'effetti ta' sospensjoni tad-deċiżjoni amministrattiva li tirrifjuta d-dritt ta' residenza u/jew il-protezzjoni sussidjarja u li tordna t-tluq mit-territorju,

— tiegħu responsabbiltà, fil-kuntest tas-sistema tagħha ta' għajnunja soċjali jew ta' akkoljenza, għall-bżonnijiet elementari minbarra dawk mediċi tar-rikorrent, sakemm tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni amministrattiva?

(2) Fil-każ ta' rispoosta fin-negattiv, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, l-Artikoli 1 sa 3 tagħha (dinjità tal-bniedem, dritt għall-ħajja u għall-integrità), l-Artikolu 4 tagħha (projbizzjoni minn trattament inuman jew degradanti), l-Artikolu 19(2) tagħha (dritt li bniedem ma jiġix imkeċċi lejn Stat fejn jeżisti riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti), l-Artikoli 20 u 21 tagħha (ugwaljanza u nondiskriminazzjoni, fir-rigward ta' kategoriji oħra ta' persuni li jitolbu għal protezzjoni sussidjarja) u/jew l-Artikolu 47 tagħha (dritt għal rimedju effettiv), jobbligaw lill-Istat Membru li jittrasponi d-Direttivi 2004/83/KE, 2005/85/KE u 2003/9/KE jipprovdi r-rimedju b'effetti ta' sospensjoni u t-teħid ta' responsabbiltà għall-bżonnijiet elementari msemmija fid-domanda fil-punt 1 iktar 'il fuq?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjati (ĠU L 175M, p. 168).

<sup>(3)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu aġil (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 101).

**Appell ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2013 minn Planet AE Anonymi Etaireia Parochis Symvouleftikon Ypiresion mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-9 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-489/12, Planet vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-564/13 P)

(2014/C 9/33)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Appellanti: Planet AE Anonymi Etaireia Parochis Symvouleftikon Ypiresion (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-489/12;

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fil-mertu;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti ssostni li d-digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-489/12 jinkludi evalwazzjonijiet legali li jiksru regoli tad-dritt tal-Unjoni; l-appellanti tikkontesta dawn l-evalwazzjonijiet legali permezz ta' dan l-appell.

Skont l-appellanti, id-digriet appellat għandu jiġi annullat peress li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat id-dritt tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-interess ġuridiku meħtieġ, fid-dritt tal-Unjoni, sabiex tinbada azzjoni għal dikjarazzjoni li tippermetti li tiġi rrikonoxxuta r-responsabbiltà kuntrattwali, kif ukoll dwar il-kwistjoni ta' jekk l-imsemmi interess ġuridiku huwiex eżistenti u attwali.